# DUN MIKIEL ZAMMIT – SAĊERDOT IMQABBI

Carmen Lia B.Ed. (Hons.), B.A.



Dun Mikiel Zammit magħruf bħala "Ta' Brajnek" kien bin Giuseppe u Maria née Galea. Twieled fl-Imqabba ta' l-1878. Ħutu kienu Grazzja u Ġanni li sfortunatament miet fl-1925 f'diżgrazzja tan-nar. Dun Lawrenz Zammit kien iz-ziju ta' Dun Mikiel peress li missier Dun Mikiel, jiġifieri Giuseppe, kien ħu Dun Lawrenz.

**L-ewwel quddiesa ta' Dun Mikiel Zammit**

Sar qassis fil-21 ta' Diċembru 1907[1]. Deskrizzjoni interessanti dwar l-ewwel quddiesa ta' Dun Mikiel insibuha f'ġurnal ta' dak iż-żmien[2] u l-festa kbira li saret minn Dun Mikiel tixhed li kien ġej minn familja tat-tajjeb. Il-quddiesa kienet saret il-Ħadd, 5 ta' Jannar 1908, fil-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba. Il-mużika tal-quddiesa kienet taħt it-tmexxija tas-Surmast Antonio Pace minn Bormla u saret skond il-*moto propriu* ta' Foschini. Fil-quddiesa ħadu sehem l-aqwa kantanti ta' dak iż-żmien. Wara l-Evanġelju, Mons. Kan. Kap. Dr. Luigi Attard għamel diskors fejn faħħar id-dinjità tas-saċerdozju.

**Benefattur Kbir**

Dun Mikiel, bħal zijuh Dun Lawrenz, kien benefattur kbir. Għamel diversi opri għall-knisja parrokkjali fosthom l-irħam tal-kor esegwit mid-ditta 'Costantino di Paola Napoletana' fl-1907 u li sar spejjeż tal-kleru Mqabbi kollu fosthom Dun Mikiel flimkien ukoll mal-Kappillan ta' dak iż-żmien Dun Franġisk Saver Bonanno.

**Ħajr**

Dun Mikiel kien jabita f'dar sabiħa fi Triq il-Parroċċa, l-Imqabba, dar li kienet imħolllija bħala patrimonju minn Dun Lawrenz Zammit. Għal xi żmien Dun Mikiel kien mar joqgħod il-Qrendi minħabba li kien dilettant kbir tal-kaċċa u kellu xi xagħri f'Ħaġar Qim u hemm kien jintasab jonsob għas-summien. Kien ukoll imur għall-kaċċa u jonsob il-Wardija fix-xahar ta' April. Dam joqgħod il-Qrendi sakemm miet Dun Lawrenz għax imbagħad ġie joqgħod f'dar sabiħa fi Triq il-Parroċċa, l-Imqabba, dar li kienet sabiħa ferm u li kienet imħollija bħala patrimonju ta' Dun Lawrenz. Kien iqaddes il-quddies fil-knisja ta' l-Imqabba.

Fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, l-Imqabbin kienu spiss jarawah jgħin lill-feruti. Fit-traġedja li seħħet fi Triq il-Parroċċa fid-29 ta' Diċembru 1941 meta trakk mimli ħaddiema ntlaqat minn membri ta' l-għadu, huwa ma naqasx li jagħti l-għajnuna tiegħu.

Bħala ħabib kbir tiegħu nafu li kellu lil Dun Ġużepp Barbara D.D., Kappillan ta' Ħal Kirkop mill-1875 sa l-1932 u missier il-Fratellanza ta' San Ġużepp. Meta miet dan Dun Ġużepp lil Dun Mikiel ħallielu l-kotra ta' kotba li kellu. Fit-Testment tiegħu tad-19 ta' Jannar 1928 fl-atti tan-Nutar Francesco Farrugia, Dun Ġużepp ħatar lil Dun Mikiel bħala eżekutur testamentarju tiegħu. Dun Mikiel kellu jieħu ħsieb, fost ħwejjeġ oħra, li jbiegħ id-dar numru 25, Triq San Filippu, Ħal Għaxaq, u d-dar tal-Kappillan numru 11D u 11E fi Triq San Benedittu, Ħal Kirkop. Dan l-eżekutur seta' jekk ried, jakkwista d-dar għalih personali, kif fil-fatt għamel.[3]

Peress li Dun Mikiel kellu kwistjoni ma' każin tal-banda u anke ma' xi nies, ħa l-fama li kien iħoss il-"Qorti".

Dun Mikiel Zammit miet il-Ħamis, 14 ta' Diċembru 1950, fl-Imqabba, fl-età ta' 72 sena.[4]

---

1. Zammit, Sac. D. L. *Descrizioni Storica tal Cnisia Parrochiali tal Imkabba*. Malta, (Tip. Tad-Dar ta' San Ġiuseppe), 1927.
2. *Malta Tagħna*, 18 ta' Jannar 1908, p. 3.
3. Cassar John M. Il-Fratellanza ta' San Ġużepp ta' Ħal Kirkop, 'L-istorja ta' mitt sena 1878-1978', (Veritas Press). Ħajr lill-awtur għall-kopja tal-ktieb.
4. Public Registry, *Ċertifikat tal-Mewt* 315/1951.